MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 1228/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Philip Borg**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Philip Borg ta’ 39 sena iben Emanuel u Josephine nee Caruna, imwieled tal-Pieta’ fl-24 ta’ Ġunju, 1969 u li joqgħod 196 Triq Salvu Zammit Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 268469 (M)

Akkużat talli fil-lejl bejn il-5 u 6 t’April, 2006 mill-fond numru 11 Triq il-Ħalel (Buġibba) San Pawl il-Baħar li

jintuża bħal ħanut tal-imħatri u banka tal-lottu numru 301, flimkien ma' Charles Mizzi

1. Kkommetta serq ta' flus kontanti, kemm Maltin u kemm barranin, kif wkoll kwantita ta' mobile phones top up vouchers, liema serq huwa aggravate bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-2329.37 Euro, ekwivalenti ghal elf lira Maltin, u bil-hin li sar ghad-dannu ta' Joseph Galea u jew ta' persuni ohra;

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-1164.69 Euro, ekwivalenti ghal 500 lira Maltin, imma izjed minn 116.47, ekwivalenti ghal 50 lira Maltin

3. U iktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operativ ta' sentenza ta' prigunerija sospiza, datata 11 ta' Jannar 2006;

4. U iktar talli kiser il-provvidement ta' l-Artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza datata 12 ta' Jannar 2006;

5. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 2684 tas-sena 1969, il-fedina penal ital-imputat (fol 4), il-konferma tal-ħatriet tal-esperti maħtura matul l-inkjesta (fol 6), il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Michael Mallia dwar 'Serq aggravat mill-fond numru 11 Triq il-Ħalel Buġibba fis-6 t'April, 2006', is-sentenzi a fol 54 (11 ta' Jannar 2006), 19 ta' Diċembru 2008 (li fiha kienet saret effettiva s-sentenza sospiża mogħtija fil-11 ta' Jannar 2006, is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2006 (6 xhur priġunerija), ir-ritratti (a fol 90), is-sentenza 'Il-Pulizija vs Philip Borg et tatg-12 ta' Jannar 2006 (3 snin probation), il-verbal li fih l-imputat iddeċieda li jibqa' quddiem din il-Qorti (fol 110),

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fis-6 t'April 2006, għall-ħabta tat-8.00am ċertu Joseph Galea li jmexxi Betting Shop u Banka tal-Lottu 301 f'numru 11 Triq il-Ħalel, Buġibba, għamel rapport fl-Għassa tal-Qawra li meta mar jiftaħ il-banka sab li xi persuna jew persuni mhxu magħrufa kienu daħlu fil-banka min-naħa ta' wara li tagħti għal fuq wara ta' fejn hemm is-Caeser's fil-pjazza ta' Buġibba u kienu nsterqulu ammont sostanzjali tal-flus u top up vouchers tal-mobile. Kienu ttieħdu Lm170 mill-cash register, Lm300 f'coins u Lm4000 mis-soffitt. Minn dan l-aħħar ammont kellu flus sterlini wkoll li kellhom valur ta' Lm250. It-top up vouchers tal-Go u tal-Vodafone kienu jiswew madwar Lm1000.

Kien instab mobile phone fejn seħħet is -serqa. Minn riċerka li saret kien stabbilit li dan kien ta' ċertu Charles Mizzi minn Ħal-Luqa. Dan kien ammetta li l-mobile phone kien tiegħu u li kien daħal fil-ħanut biex iwettaq is-serqa. Huwa kien iltaqa' mal-imputat li kien ħajru jwettaq is-serqa. Charles Mizzi kien tela' fuq dahar l-imputat. L-imputat kien ħalla t-tieqa mbexxqa u l-imputat indikalu fejn sid tal-banka kien iħalli l-flus, Meta qabeż kien waqagħlu l-mobile. Il-każ ta' Charles Mizzi llum huwa 'res judicata.'

F'żewġ stqarrijiet magħmula fl-144 t'Ottubru 2007 u 24 ta' Ottubru 2007 rispettivament, Philip Borg innega li kien ħa sehem f'din is-serqa. Huwa kien qal li dak in-nhar tas-serqa, id-derubat Joseph Galea, kien għamlilhom ikla f'numru 11 Triq il-Ħalel, Buġibba. L-imputat kien qal li hu kien ikun f'dan il-ħanut kull jum. Huwa qal li dak il-jum tas-serqa kien ra lil Charles Mizzi jixrob il-birra fil-Pjazza tal-Bajja. L-imputat żied jgħid li hu ma kienx joqgħod jara fejn kien jaħbi l-flus is-sur Joe Galea (id-derubat).

L-imputat qal li lil Charles Mizzi ġieli sellfu xi flus – madwar għoxrin lira xi darba jew darbtejn. Huwa qal ukoll li ġielei kien fetaħ xi twieqi fuq wara meta kien ikun għand Joe Galea.

Fit-tieni stqarrija huwa qal li kien żmien wara li ltaqa' ma'Charles Mizzi. Huwa kien ippreċiża dan għaliex ftakar fl-ikla li kien għamel Joe Galea. L-imputat qal li minn dak in-nhar tas-serqa kienu għaddew xi seba' ġimgħat jew aktar wara s-serqa.

L-Investigatur ma ħassx li seta' jemmen li l-imputat ma kienx iltaqa' ma' Charles Mizzi fil-jum tas-serqa (fol 19). L-imputat baqa' jsostni li ma kellux idea li ltaqa' ma' Charles Mizzi dak in-nhar.

Xehed Charles Mizzi (fol 25 et) li stqarr bil-ġurament li kien hu li daħal fil-banka u li fuq il-post kienu marru hu u l-imputat (fol 26). Kien daħal minn wara u l-imputat kien refgħu fuq spallejh. It-tieqa kienet sliding u miftuħa. Huwa kien lleva l-bieb. Huwa qatt ma kien resaq lejn il-ħanut. Kien sar jaf x'hemm u x'm'hemmx minn għand l-imputat. Dak in-nhar kien niżel Buġibba bil-vann taz-ziju u kien mal-imputat. Huwa ma ftakarx kemm kien hemm flus eżatt. Kien hemm żgur aktar minn Lm100. Huwa kien qasam il-flus nofs bin-nofs mal-imputat (fol 30). Għall-ewwel kien qal lill-imputat li peress li ien dahru mal-ħajt, kien qed jitħajjar jsiraq. Iżda mbagħad ma kienx ser jidħol għax beda jibża'. Imbagħad xorta għamlu s-serqa. Kien ilhom jippjanaw is-serqa ġimgħa sħiħa. L-imputat baqa' barra waqt is-serqa. Ix-xhud qal li kien ħaraq it-top up vouchers.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kien jaf kemm lill-imputat kif ukoll lil Fortunato, ħu l-imputat.

Fortunato kien silef xi Lm300 lix-xhud. Ix-xhudqal li l-flus kien tahom lil Fortunato (fol 37) iżda ma kienx tah kollox. Kien tah ukoll xi ħaġa tal-interessi. Hu u l-imputat kienu jitkellmu iżda ma joħorġux flimkien.

Xehed ukoll Joseph Galea, id-derubat. Dan qal li kienu nsterqulu b'madwar Lm7000 bejn flus u cards. (fol 45). Is-suffett fejn kien jaħbi l-flus kien mifqugħ. Wara s-serqa kien sab il-mobile. Ikkalkula li bħala ħsara kellu xi Lm50 fil-bieb u Lm200 fis-suffett. L-imputat dejjem kien ikun il-

ħanut. Lejlet is-serqa kelhom ikla (fol 46) fosthom kien hemm l-imputat. L-imputat kien ġieli rah jaħbi l-flus (fol 48).

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-persuna l-oħra qatt ma kien raha.

Ikkonfermaw ir-rapporti tagħhom id-diversi esperti.

Difiża

Xehed l-imputat (fol 112). Huwa qal li x-xhud kien ssellef il-flus minn għand Fortunato Borg li jiġi ħu l-imputat u x-xhud Charles Mizzi kien naqas li jagħti dawn il-flus lura lil ħu l-imputat. (fol 113). L-imputat kien talab lix-xhud sabiex irodd il-flus lura lil Fortunato. Charles Mizzi kien jgħidlu ‘Iddejjaqnix għax immurlek l-għassa’. Ħu l-imputat kien jitlob lill-imputat sabiex jitlob il-flus lura. L-imputat qal li kien imur jilgħab fil-post fejn twettqet is-serqa u kien ilu jmur hemm għal sena u nofs. Barra mill-kexxun, huwa qatt ma kien ra lil sid il-ħanut iġib il-flus minn xi mkien ieħor. Huwa nnega li kien wera lil Charles Mizzi fejn kienu l-flus.

Fil-kontro-eżami l-imputat qal li dak in-nhar tas-serqa kien kellem lil Charles Mizzi. Huwa ftakar ukoll li fil-lejl tas-serqa kellhom ikla minn sid il-ħanut. Huwa qal ukoll li ġieli fetħ it-tieqa minn fejn sar id-dħul biex ikun hemm ftit tal-frisk.

Xehed ukoll Fortuanto Borg li kkonferma li ħuh (l-imputat) kienu jgħidlul l Charles Mizzi kien jittamah li ser jagħtih il-flus mislufin lura. Safejn kien jaf hu Charles Mizzi ma kienx mar jirrapporta lil ħuh biex ma jiġrix warajh.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti m’għandha ebda dubju li l-imputat kien wieħed mill-ħallelin li wettqu r-reat li sar bejn il-5 t’April u s-6 t’April 2006. L-imputat ipprova jpoġġi l-ikla li saret fil-post fejn twettaq ir-reat f’data aktar tard milli fil-fatt seħħet waqt it-

tieni stqarrija tiegħu. Kemm mhix attendibbli l-verżjoni teigħu tidher mill-veerżjoni ta' sid il-ħanut li qal li l-ikla kien għamilha hu fid-data tar-reat u minn kif xehed l-istess imputat fil-kontro-eżami. Għalhekk it-tentattiv tal-imputat li jħarbat id-dati fit-tieni stqarrija tiegħu falla bil-kbir.

It-tieni hemm mix-xhieda ta' Charles Mizzi. L-imputat ipprova jxejjen din il-prova billi jipprova jpinġi lill-istess Charles Mizzi bħala bniedem li kien midjun lejn ħu l-imputat stess u li allura kellu kull interess li jivvinta fuq l-imputat.

Il-Qorti mhix konvinta minn dan. Apparti li l-ammont involut ma kienx xi somma vertiġinuża (sempliċiment Lm300), il-Qorti rat quddiemha lil dan Charles Mizzi jixhed, rat ukoll lill-imputat u setgħet tara b'għajnejha, tisma' b'widnejha u tiżen b'moħħha min kien qed jgħid il-verita'. Ukoll jekk trassew Charles Mizzi kein midjun lejn ħu l-imputat, dan ma jfissirx li Charles Mizzi kien qiegħed sempliċiment jivvinta kif seħħet is-serqa.

Jekk l-imputat forsi jrid jgħid li hemm il-kelma tiegħu kontra dik tax-xhud u allura hemm xi dubju, bir-rispett kollu l-Qorti hija fid-dmir li tgħarbel il-verżjonijiet li tisma' u tiddeċiedi min qed jgħid il-verita'. F'dan il-każ lanqas konflitt ta' provi m'hemm għaliex meta xehed l-imputat sempliċiment għafas fuq din il-kwistjoni tad-dejn u mill-bqija ma qal xejn. Anzi fil-kontro-eżami qaleb dak li kien qal fit-tieni stqarrija tiegħu għax qabel dwar id-data meta kienet saret l-ikla. Barra minn hekk qal ukoll li dak in-nhar kien ra lix-xhud fil-Pjazza tal-Bajja u stiednu jieħu birra,

Mhux biżżejjed l-argument li xhud ewlieni kellu xi raġuni biex ipatti. Jista' jkun qed ipattiha u xorta qed jgħid il-verita'. Charles Mizzi ta ċerta dettalji li mhux la kemm wieħed jivvinthom. Huwa nnifsu ma kienx midħlu tal-ħanut ma xehed id-derubat innifsu u għalhekk jagħmel sens li wieħed li kien ilu jmru fil-ħanut sena u nofs jagħti d-dettalji.

Skond il-Kap 9, xhieda ta' xhud wieħed hija biżżejjed sabiex il-Qorti tkun tista' ssib imputat ħati.

Il-Qorti issib provi ċari biżżejjed li fuqhom tista' tistrieħ u ssib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.

Dwar it-tieni imputazzjoni, peress li l-imptutat kien co-principal f'din is-serqa. Tassew li hu stenna fuq barra, iżda kien hu lit a d-dettalji ta' x'għandu jagħmel sieħbu li daħal ġewwa biex jeleva l-flus u l-cards. L-ammont tal-ħsara msemmi mis-sid kien jiżboq il-Lm200. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni b'dan pero' li din hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni skont ġurisprudenza ksotanti tagħna. (Artikolu 17(h) tal-Kap 9).

Dwar it-tielet imputazzjoni, jirriżulta li s-sentenza sospiża msemmija diġa' daħlet fis-seħħ f'sentenza oħra mogħtija kontra l-imputat u għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni.

Dwar ir-raba' u l-ħames imputazzjoni s-sentenzi ppreżentati huma prova biżżejjed li l-imputat kiser l-ordni ta' proabation li kienet ingħatat anqas minn tliet xhur qabel u li l-imputat huwa reċidiv għax din mhux l-ewwel darba li seraq.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 261(b)(ċ)(f), 263, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kap 9, 18 u 325(b) tal-Kap 9 , 18, 28A, 28B,28C, 28D, 28E, 28F, 28G, 28H tal-Kap9, l-artikolu 7(1(2) u22 tal-Kap 446u 19 tal-Kap 9, 49,50, 289 tal-Kap 9, 17, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, tat-tieni imputazzjoni, b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni (mezz għall-fini), ħati tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni u mhix tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni ġaladarba din l-imputazzjoni diġa' ttieħdet in konsiderazzjoni fi proċeduri oħra.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra li l-imputat mhux l-ewwel darba li seraq, li seraq minn post fejn kien stmat u fejn qabel kien qed jiekol flimkien mas-sid tal-ħanut, l-ammont involut u l-ksur tal-Probation Order mogħtija tliet xhur biss u qed tikkundanna lill-imputat għal piena kumplessiva ta' priġunerija ta' tliet snin.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-nofs l-ispejjeż tal-esperti maħtura matul l-inkjesta għaliex din saret wara s-16 ta' Jannar 2006 liema spejjeż jammontaw ghal 328.63 Euro u ghal hekk l-imputat ghandu jhallas 164.31 Euro, u dawn għandhom jitħallsu fi żmien xahar mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------